Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/127

tal-20 ta' Jannar 2017

li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

(ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/595 tas-27 ta' Marzu 2017	L 81	6	28.3.2017
►M2	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1398 tal-25 ta' Lulju 2017	L 199	2	29.7.2017

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 80, 25.3.2017, p. 46 (2017/127)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 238, 16.9.2017, p. 55 (2017/1398)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/127

tal-20 ta' Jannar 2017

li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd li huma disponibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) il-limiti tal-qbid għas-sena 2017 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2018;

(b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2017 sal-31 ta' Jannar 2018, għajr meta huma stabbiliti perijodi oħra għal-limiti tal-isforz tas-sajd fl-Artikoli 25 u 26 u fl-Anness IIE;

(c) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2017 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR;

(d) l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC stipulati fl-Artikolu 27 għall-perijodi fl-2017 u fl-2018 li huma speċifikati f'dik id-dispożizzjoni.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti li ġejjin:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

(b) bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn huwa espressament imsemmi fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn dan, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment ta' pajjiż terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għal rikreazzjoni, turiżmu jew sport;

▼B

(c) “ilmijiet internazzjonali” tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt l-ebda sovranità jew ġurisdizzjoni ta' xi Stat;

(d) “qabda totali permissibbli” (TAC) tfisser:

(i) fl-attivitajiet tas-sajd li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta' ħut li tista' tinqabad minn kull stokk kull sena;

(ii) fl-attivitajiet tas-sajd kollha l-oħra, il-kwantità ta' ħut li tista' tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(e) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(f) “valutazzjonijiet analitiċi” tfisser evalwazzjonijiet kwantitattivi tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' data dwar il-bijoloġija u l-isfruttar tal-istokk, li l-analiżi xjentifika indikat li hija ta' kwalità biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(g) “daqs tal-malji” tfisser id-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd kif ġie ddeterminat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 ([1]);

(h) “reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni” tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(i) “ġurnal ta' abbord dwar is-sajd” tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 4

Iż-żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 ([2]);

(b) “Skagerrak” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;

(c) “Kattegat” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre sa Gnibens Spids, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved sa Kullen;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna tal-ispag tax-xbieki tas-sajd (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

▼B

(d) “Unità Funzjonali 16 tas-subżona VII tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

— 53° 30′ N 15° 00′ W,

— 53° 30′ N 11° 00′ W,

— 51° 30′ N 11° 00′ W,

— 51° 30′ N 13° 00′ W,

— 51° 00′ N 13° 00′ W,

— 51° 00′ N 15° 00′ W,

— 53° 30′ N 15° 00′ W;

(e) “Unità Funzjonali 26 tad-diviżjoni IXa tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

— 43° 00′ N 8° 00′ W,

— 43° 00′ N 10° 00′ W,

— 42° 00′ N 10° 00′ W,

— 42° 00′ N 8° 00′ W;

(f) “Unità Funzjonali 27 tad-diviżjoni IXa tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

— 42° 00′ N 8° 00′ W,

— 42° 00′ N 10° 00′ W,

— 38° 30′ N 10° 00′ W,

— 38° 30′ N 9° 00′ W,

— 40° 00′ N 9° 00′ W,

— 40° 00′ N 8° 00′ W;

(g) “Golf ta' Cádiz” tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni IXa tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-lonġitudni 7° 23′ 48″ W;

(h) Iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(i) Iż-żoni tan-NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(j) “Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku ([3]);

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

([3]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

▼B

(k) “Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku)” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ([1]);

(l) “Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi tal-Baħar Ħajjin tal-Antartiku)” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 ([2]);

(m) “Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (il-Kummissjoni Inter — Amerikana tat-Tonn Tropikali)” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar it-Tiswiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali li ġiet stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica ([3]);

(n) “Żona ta' Kompetenza tal-IOTC (il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan)” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Ftehim għat-twaqqif tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan ([4]);

(o) “Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku)” hija ż-żona ġeografika ta' ibħra internazzjonali fin-Nofsinhar ta' 10° N, fit-Tramuntana taż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, fil-Lvant taż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SIOFA kif hija ddefinita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan ([5]), u fil-Punent taż-żoni tal-ġurisdizzjonijiet tal-attivitajiet tas-sajd tal-Istati tal-Amerka t'Isfel;

(p) “Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali)” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Migratorju Ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ([6]);

(q) “Subżoni ġeografiċi tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)” huma ż-żoni li huma ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(r) “ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering” hija ż-żona ġeografika tal-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering;

([1]) L-Unjoni aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

([3]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

([4]) L-Unjoni aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

([5]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

([6]) L-Unjoni aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

▼B

(s) "żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— il-longitudni 150° W,

— il-longitudni 130° W,

— il-latitudni 4° S,

— il-latitudni 50° S.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 5

TACs u allokazzjonijiet

1. It-TACs għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f'ċerti ilmijiet li mhux tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta' TACs bħal dawn fost l-Istati Membri, u l-kondizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali, fejn xieraq, huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu awtorizzati jwettqu qabdiet, fil-limiti tat-TACs stabbiliti fl-Anness I, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, ta' Greenland u tan-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, soġġett għall-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 14 u fl-Anness III għal dan ir-Regolament u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([1]) u fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 6

It-TACs li jridu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri

1. It-TACs għal ċerti stokkijiet ta' ħut għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. It-TACs li jridu jiġu stabbiliti minn Stat Membru għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari mal-prinċipju tal-isfruttament sostenibbli tal-istokk; u

(b) jirriżultaw:

(i) jekk ikunu disponibbli valutazzjonijiet analitiċi, fl-isfruttament tal-istokk b'mod konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli mill-2017 'il quddiem, bl-ogħla probabbiltà possibbli;

(ii) jekk il-valutazzjonijiet analitiċi ma jkunux disponibbli jew ma jkunux kompluti, fl-isfruttament tal-istokk b'mod konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

▼B

3. Sal-15 ta' Marzu 2017, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta t-tagħrif li ġej lill-Kummissjoni:

(a) it-TACs li ġew adottati;

(b) id-data li nġabret u li ġiet ivvalutata mill-Istat Membru kkonċernat, li fuqha huma bbażati t-TACs li ġew adottati;

(c) id-dettalji dwar kif it-TACs li ġew adottati jikkonformaw mal-paragrafu 2.

Artikolu 7

Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji

1. Il-qabdiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk dawn:

(a) ikunu ttieħdu minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) ikunu jikkonsistu minn sehem fi kwota tal-Unjoni li ma tkunx ġiet allokata bil-kwoti fost l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-Unjoni ma tkunx ġiet eżawrita.

2. L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira f'limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huma identifikati fl-Anness I għal dan ir-Regolament għall-finijiet tad-deroga mill-obbligu li jingħaddu l-qabdiet skont il-kwoti rilevanti stipulati f'dak l-Artikolu.

Artikolu 8

Limiti tal-isforz tas-sajd

Għall-perijodi msemmija fl-Artikolu 1(2)(b), għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin dwar l-isforz tas-sajd:

(a) l-Anness IIA għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fis-subżona IV tal-ICES;

(b) l-Anness IIB għall-irkupru tal-merluzz u tal-iskampu fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cádiz;

(c) l-Anness IIC għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fid-diviżjoni VIIe tal-ICES.

Artikolu 9

Miżuri għas-sajd tal-Ispnott

1. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu għall-ispnott fid-diviżjonijiet VIIb, VIIc, VIIj u VIIk tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tad-diviżjonijiet VIIa u VIIg tal-ICES li huma iżjed minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi taħt is-sovranità tar-Renju Unit. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jżommu abbord, jirrilokaw, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona.

2. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll kull sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt jistadu għall-ispnott u li jżommu abbord, jirrilokaw, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad fiż-żoni li ġejjin:

▼B

(a) id-diviżjonijiet IVb, IVc, VIId, VIIe, VIIf u VIIh tal-ICES;

(b) l-ilmijiet sa 12-il nawtiku mil-linja bażi taħt is-sovranità tar-Renju Unit fid-diviżjonijiet VIIa u VIIg tal-ICES.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tal-ispnott fiż-żoni msemmija f'dak is-subparagrafu:

(a) bastiment tas-sajd tal-Unjoni li juża x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni demersali ([1]) jista' jżomm abbord qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' spnott li ma jaqbżux it-3 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi tal-baħar abbord f'ġurnata waħda. Il-qabdiet ta' spnott miżmuma abbord minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni abbażi ta' din id-deroga ma għandhomx jaqbżu l-400 kilogramma kull xahar;

(b) f'Jannar 2017 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2017, bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw snanar u lenez ([2]), jistgħu jistadu għall-ispnott u jżommu abbord, jirrilokaw, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona, mhux aktar minn 10 tunnellati għal kull bastiment kull sena.

(c) Bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw għeżula armati fuq il-lasti ([3]) jistgħu jżommu abbord qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' spnott li ma jaqbżux il-250 kilogramma kull xahar.

▼M2

Id-derogi ta' hawn fuq għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li rreġistraw qabdiet ta' spnott matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016: fil-punt (b) b'qabdiet irreġistrati permezz ta' snanar u lenez, u fil-punt (c) b'qabdiet irreġistrati permezz ta' għeżula armati fuq il-lasti. F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li d-deroga tapplika għal bastiment tas-sajd ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għad-deroga u l-kapaċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżdidux.

▼B

3. Il-limiti tal-qbid stipulati fil-paragrafu 2 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet ta' spnott skont it-tip ta' rkaptu sa mhux aktar tard minn 20 jum wara tmiem kull xahar.

4. Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2017 fis-sajd rikreattiv fid-diviżjonijiet IVb, IVc, VIIa u minn VIId sa VIIh tal-ICES, huwa permess biss is-sajd ta' qbid u ħelsien tal-ispnott, anki mix-xatt. Matul dan il-perijodu, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi rilokat, trażbordat jew jinħatt l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, ma jistax jinżamm iktar minn eżemplar wieħed ta' spnott għal kull sajjied kuljum matul il-perijodi li ġejjin u fiż-żoni li ġejjin:

(a) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2017 fid-diviżjonijiet IVb, IVc, VIIa u minn VIId sa VIIh tal-ICES;

([1]) Kull tip ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ inklużi t-tartaruni Daniżi/Skoċċiżi u inklużi l-OTB, l-OTT, il-PTB, it-TBB, l-SSC, l-SDN, l-SPR, l-SV, l-SB, l-SX, it-TBN, it-TBS u t-TB.

([2]) Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief, inkluż LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS.

([3]) L-għeżula armati fuq il-lasti u n-nases kollha, fosthom GTR, GNS, FYK, FPN u FIX

▼B

(b) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017 fid-diviżjonijiet VIIj u VIIk tal-ICES.

6. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017 fis-sajd rikreattiv fid-diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES, kull sajjied jista' jżomm massimu ta' ħames ħutiet kuljum.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008;

(d) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(f) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(g) trasferimenti u skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

2. L-istokkijiet li huma soġġetti għal TACs prekawzjonarji jew analitiċi huma identifikati fl-Anness I għal dan ir-Regolament għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena ta' TACs u kwoti li huma previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96.

3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness I għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena li hija prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 11

Staġuni magħluqin għas-sajd

1. Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal kwalunkwe speċi minn dawn li ġejjin fil-Porcupine Bank jew li tinżamm abbord kwalunkwe speċi minnhom f'din iż-żona matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju 2017: il-bakkaljaw, il-megrim, il-petriċa, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-merluzz, l-skampu, il-barbun tat-tbajja', il-pollakkju, il-pollakkju iswed, ir-rebekkini u r-raj, il-lingwata komuni, it-tusk, il-linarda, il-lipp u l-mazzola griża.

▼B

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Porcupine Bank għandu jinkludi ż-żona ġeografika kkonfinata mil-linji rombu li jgħaqqdu flimkien b'mod sekwenzjali l-pożizzjonijiet li ġejjin:

Punt	Latitudni	Longitudni
1	52° 27′ N	12° 19′ W
2	52° 40′ N	12° 30′ W
3	52° 47′ N	12° 39.600′ W
4	52° 47′ N	12° 56′ W
5	52° 13.5′ N	13° 53.830′ W
6	51° 22′ N	14° 24′ W
7	51° 22′ N	14° 03′ W
8	52° 10′ N	13° 25′ W
9	52° 32′ N	13° 07.500′ W
10	52° 43′ N	12° 55′ W
11	52° 43′ N	12° 43′ W
12	52° 38.800′ N	12° 37′ W
13	52° 27′ N	12° 23′ W
14	52° 27′ N	12° 19′ W

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-transitu mill-Porcupine Bank, filwaqt li jingarru abbord l-ispeċijiet imsemmija f'dak il-paragrafu, għandu jkun permess f'konformità mal-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bit-tartaruni jew b'irkaptu rmunkat simili b'daqs tal-malji ta' inqas minn 16-il millimetru, għandu jkun projbit fid-diviżjonijiet IIa u IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2017.

Il-projbizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika wkoll għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati jistadu għaċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona IV tal-ICES.

Artikolu 12

Projbizzjonijiet

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin:

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*), fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa, IIIa u VIId tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES;

(b) il-kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha;

(c) il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I u XIV tal-ICES;

▼B

(d) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I u XIV tal-ICES;

(e) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) fl-ilmijiet kollha;

(f) il-murruna sewda (*Dalatias licha*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I u XIV tal-ICES;

(g) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I u XIV tal-ICES;

(h) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(i) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I u XIV tal-ICES;

(j) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV tal-ICES;

(k) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabad bil-konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV tal-ICES;

(l) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha;

(m) ir-raja manta tal-iskoll (*Manta alfredi*) fl-ilmijiet kollha;

(n) ir-raja manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha;

(o) l-ispeċijiet li ġejjin ta' raj tal-qrun fl-ilmijiet kollha:

(i) il-baqra (*Mobula mobular*);

(ii) ir-raja tal-qrun minuri tal-Guinea (*Mobula rochebrunei*);

(iii) il-mobula denbha xewka (*Mobula japanica*);

(iv) il-mobula denbha lixx (*Mobula thurstoni*);

(v) il-mobula qrunha twal (*Mobula eregoodootenkee*);

(vi) ir-raja tal-qrun ta' Munk (*Mobula munkiana*);

(vii) ir-raja tal-qrun taċ-Ċilì (*Mobula tarapacana*);

(viii) ir-raja tal-qrun tal-ġewnaħ qasir (*Mobula kuhlii*);

(ix) ir-raja tal-qrun minuri *(Mobula hypostoma)*;

(p) l-ispeċijiet li ġejjin ta' pixxisega *(Pristidae)* fl-ilmijiet kollha:

(i) il-pixxisega rqiqa (*Anoxypristis cuspidata*);

(ii) il-pixxisega nana (*Pristis clavata*);

▼B

(iii) il-pixxiserrieq (*Pristis pectinata*);

(iv) il-pixxisega businna (*Pristis pristis*);

(v) il-pixxisega ħadra (*Pristis zijsron*);

(q) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIIa tal-ICES;

(r) ir-raja tan-Norveġja (*Dipturus nidarosiensis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet VIa, VIb, VIIa, VIIb, VIIc, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh u VIIk tal-ICES;

(s) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI u X tal-ICES;

(t) il-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(u) il-guitarfishes (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES;

▼M1

(v) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES, bl-eċċezzjoni ta' programmi għall-evitar kif jinsab fl-Anness IA;

▼B

(w) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

Artikolu 13

Trasmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu nqabdu, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Artikolu 14

Awtorizzazzjonijiet għas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fl-ilmijiet ta' pajjiż terz huwa stipulat fl-Anness III.

2. Meta Stat Membru jittrasferixxi kwota lil Stat Membru ieħor ("tpartit") fiż-żoni tas-sajd li huma stipulati fl-Anness III għal dan ir-Regolament, abbażi tal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet għas-sajd u għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, kif stipulat fl-Anness III għal dan ir-Regolament, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għal kull żona tas-sajd ma għandux jinqabeż.

▼B

KAPITOLU III

Opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

Artikolu 15

Trasferimenti u skambji ta' kwoti

1. Meta, skont ir-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ('RFMO'), ikunu permessi trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għall-RFMO, Stat Membru ('l-Istat Membru kkonċernat') jista' jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għall-RFMO u, skont il-każ, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub.

2. Hekk kif il-Kummissjoni tiġi nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tapprova d-deskrizzjoni tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub li l-Istat Membru jkun iddiskuta mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO. Hekk kif isir dan, il-Kummissjoni għandha tagħti, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tintrabat bit-tali trasferiment jew skambju ta' kwoti mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO. Imbagħad, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tal-RFMO bit-trasferiment jew bl-iskambju ta' kwoti miftiehem f'konformità mar-regoli ta' dik l-organizzazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bit-trasferiment jew bl-iskambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd li jaslu mingħand il-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew li jiġu ttrasferiti lilhom skont it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti li ġew allokati lill-Istat Membru kkonċernat jew imnaqqsa mill-allokazzjoni tiegħu, mill-waqt li jkollu effett it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti, f'konformità mat-termini tal-ftehim li jintlaħaq mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, skont il-każ. Din l-allokazzjoni ma għandhiex tbiddel l-iskeda eżistenti ta' distribuzzjoni għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2018 għat-trasferimenti tal-kwoti minn Parti Kontraenti għall-RFMO lejn l-Unjoni u għall-allokazzjoni sussegwenti tagħhom lill-Istati Membri.

Taqsima 1

Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT

Artikolu 16

Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, it-trobbija u t-tismin

1. L-għadd ta' dgħajjes tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa tal-Unjoni, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness IV.

▼B

2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonna fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd, li huma awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-traż-bord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonna fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonna fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tat-trobbija u l-kapaċità tat-tismin tat-tonna u l-kontribut massimu tat-tonna maqbud fis-selvaġġ, li huma allokati lill-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Medi-terran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV.

7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 7 tal-Anness IV.

Artikolu 17

Sajd rikreattiv

Fejn adatt, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku għas-sajd rikreattiv mill-kwoti tagħhom allokati fl-Anness ID.

Artikolu 18

Klieb il-baħar

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-speċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (għajr is-*Sphyrna tiburo*) b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord tal-kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd.

▼B

Taqsima 2

Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR

Artikolu 19

Projbizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tal-qbid

1. Is-sajd dirett għall-ispeċijiet li huma stipulati fil-Parti A tal-Anness V, għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perijodi stabbiliti hemmhekk.

2. Għall-attivitajiet esploratorji tas-sajd, it-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji li huma stipulati fil-Parti B tal-Anness V, għandhom japplikaw fis-subżoni msemmija hemmhekk.

Artikolu 20

Sajd esploratorju

1. Fl-2017, l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet esploratorji tas-sajd bil-konzijiet għall-pixxisinna (l-ispeċijiet *Dissostichus*) fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a 'l barra miż-żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali. Jekk Stat Membru jkun bihsiebu jipparteċipa f'sajd bħal dan, huwa għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard mill-1 ta' Ġunju 2017.

2. Fir-rigward tas-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll tad-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, it-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji għal kull subżona u għal kull diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom fost l-Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull waħda minnhom, għandhom ikunu kif stipulat fil-Parti B tal-Anness V. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u dik l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

3. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ biex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u biex tiġi evitata konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 metru.

Artikolu 21

Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2017/2018

1. Jekk Stat Membru jkun bihsiebu jistad għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR waqt l-istaġun tas-sajd 2017/2018, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2017, bl-użu tal-format stabbilit fil-Parti C tal-Anness V għal dan ir-Regolament bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill. Abbażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta n-notifiki lis-Segretarjat tas-CCAMLR sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2017.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi t-tagħrif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li jrid jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

▼B

3. Stat Membru li jkun bihsiebu jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan għall-bastimenti awtorizzati biss li, fil-waqt tan-notifika, ikunu qegħdin itajru l-bandiera tagħhom jew dawk li jkunu qegħdin itajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR u li fiż-żmien meta jsir is-sajd, huma mistennija li jkunu qegħdin itajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw il-parteċipazzjoni f'attività tas-sajd għall-krill minn bastimenti ħlief dawk innotifikati lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jekk bastiment awtorizzat ma jkunx jista' jipparteċipa minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba *force majeure*. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdu:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) maħsub(a) għas-sostituzzjoni, inkluża l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenzi rilevanti ta' sostenn.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastiment li jkun imniżżel fi kwalunkwe waħda mil-Listi ta' Bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (sajd IUU) tas-CCAMLR biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

Taqsima 3

Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Artikolu 22

Il-limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti li jkunu assenjati għal waħda miż-żewġ attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, dment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li din il-bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment propost ta' kapaċità lill-flotta tagħhom, il-bastimenti li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-Reġistru ta' Bastimenti tal-IOTC jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' organizzazzjonijiet reġjonali oħra għas-sajd tat-tonn. Barra minn hekk, ma jista' jiġi ttrasferit ebda bastiment li jkun jinsab fuq il-lista ta' bastimenti involuti f'sajd IUU ta' kwalunkwe RFMO.

5. L-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għajr fil-limiti stipulati fil-pjanijiet ta' żvilupp li jkunu ġew ippreżentati lill-IOTC.

▼M1

Artikolu 22a

Limiti tal-qbid

Qabdiet ta' tonna safra minn bastimenti tal-Unjoni li jistadu bit-tartaruni tal-borża ma għandhomx jaqbżu l-limiti tal-qbid stipulati fl-Anness IK.

▼B

Artikolu 23

L-irkaptu tal-mitlaq biex jinġemal-ħut (FADs) u l-bastimenti tal-provvista

1. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandux juża iżjed minn 425 irkaptu attiv tal-mitlaq biex jinġemal-ħut (FADs) fl-istess waqt.

2. L-għadd ta' bastimenti ta' provvista tal-Unjoni ma għandux jaqbeż nofs il-bastimenti bit-tartaruni tal-borża tal-Unjoni. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-għadd ta' bastimenti tal-provvista tal-Unjoni u bastimenti bit-tartaruni tal-borża tal-Unjoni għandu jkun stabbilit abbażi tar-reġistru tal-IOTC ta' bastimenti attivi.

Artikolu 24

Klieb il-baħar

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) fi kwalunkwe attività tas-sajd, għajr għal bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 24 metru li jkunu involuti biss f'operazzjonijiet tas-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklużiva (ŻEE) tal-Istat Membru li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tiegħu, u dment li l-qbid tagħhom ikun destinat biss għall-konsum lokali.

3. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

Taqsima 4

Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO

Artikolu 25

Sajd ta' ħut pelaġiku

1. Huma biss l-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, fl-2008 jew fl-2009 li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona f'konformità mat-TACs stipulati fl-Anness IJ.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross tal-bastimenti li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tagħhom u li jkunu qegħdin jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2017, għal-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' 78 600 tal-Unjoni f'dik iż-żona.

▼B

3. L-opportunitajiet tas-sajd li huma stipulati fl-Anness IJ jistgħu jintużaw biss dment li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista ta' bastimenti li stadu b'mod attiv jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, ir-reġistri mis-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, meta dawn ikunu disponibbli, id-dokumenti dwar id-dħul fil-port mhux iktar tard mill-ħames jum tax-xahar ta' wara, sabiex il-Kummissjoni tikkomunika din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Artikolu 26

Sajd tal-qiegħ

1. Fl-2017, l-Istati Membri għandhom jillimitaw il-qabda jew l-isforz tas-sajd tal-ħut tal-qiegħ tagħhom fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għal dawk il-partijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li fihom seħħ is-sajd tal-ħut tal-qiegħ mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 u għal livell li ma jaqbiżx il-livelli medji annwali ta' parametri tal-qabdiet jew tal-isforz tas-sajd f'dak il-perijodu. Huma jistgħu jistadu iktar mir-rekord irreġistrat ta' sajd biss jekk l-SPRFMO tapprova l-pjan tagħhom li jistadu iktar mir-rekord irreġistrat ta' sajd.

2. L-Istati Membri li ma rreġistrawx qabda jew sforz tas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 ma għandhomx jistadu, dment li l-SPRFMO ma japprovax il-pjan tagħhom li jistadu mingħajr rekord irreġistrat.

Taqsima 5

Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC

Artikolu 27

Sajd bit-tartarun tal-borża

1. Is-sajd minn bastimenti bit-tartaruni tal-borża għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonna obeża (*Thunnus obesus*) u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis)* għandu jkun ipprojbit:

(a) mid-29 ta' Lulju sat-28 ta' Settembru 2017 jew mit-18 ta' Novembru 2017 sat-18 ta' Jannar 2018 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— ix-xtut tal-Kontinent Amerikan li jmissu mal-Paċifiku,

— il-lonġitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S;

(b) mid-29 ta' Settembru sad-29 ta' Ottubru 2017 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 96° W,

— il-lonġitudni 110° W,

— il-latitudni 4° N,

— il-latitudni 3° S.

▼B

2. Qabel l-1 ta' April 2017, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-perijodu li jkun intgħażel għall-għeluq tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1. Il-bastimenti kollha bit-tartaruni tal-borża tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bit-tartaruni tal-borża fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1 matul il-perijodu li jkun intgħażel.

▼M1

2a. L-Istati Membri għandhom jagħlqu s-sajd tal-bastimenti bit-tartaruni tal-borża bl-FADs u li jtajru l-bandiera tagħhom meta jintlaħaq il-limitu tal-qbid allokat għal dak is-sajd.

▼B

3. Il-bastimenti bit-tartaruni tal-borża li jistadu għat-tonn fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonn isfar, it-tonn obeż u l-palamit kollu li jkun inqabad.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħut jitqies li mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs; jew

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed biex jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

Artikolu 28

Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti minn karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi maqbuda f'dik iż-żona.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari għandhom jinħelsu minnufih mill-operaturi tal-bastiment.

3. L-operaturi tal-bastiment għandhom:

(a) jirreġistraw l-għadd ta' ħut li jinħeles u l-indikazzjoni tal-istatus (mejjet jew ħaj);

(b) jirrappurtaw it-tagħrif speċifikat fil-punt (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-informazzjoni miġbura matul is-sena ta' qabel lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar.

Artikolu 29

Projbizzjoni tas-sajd għar-raj tal-qrun

Għandhom ikunu pprojbiti s-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ jew il-bejgħ ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tar-raj tal-qrun (tal-familja *Mobulidae*, li jinkludu l-ġeneri *Manta* u *Mobula*) mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. Malli bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jindunaw li nqabad raj tal-qrun, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jeħilsuhom minnufih, ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara kull meta dan ikun possibbli.

▼B

Taqsima 6

Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO

Artikolu 30

Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond

Is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO għandu jkun ipprojbit:

— il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*),

— il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*),

— il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*),

— il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*),

— il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*),

— ir-rebekkini (*Rajidae*),

— il-kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*),

— il-kelb il-baħar tal-fond tas-superordni *Selachimorpha*.

— il-mazzola griża (*Squalus acanthias*).

Taqsima 7

Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Artikolu 31

Kondizzjonijiet għas-sajd tat-tonna obeża, it-tonna safra, il-palamita u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għadd tal-jiem ta' sajd allokati lill-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża għat-tonna obeża (*Thunnus obesus*), għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li jinsabu fl-ibħra internazzjonali bejn 20° N u 20° S ma jaqbiżx l-403 ijiem.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx ikollhom fil-mira l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fin-Nofsinhar ta' 20° S.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonna obeża (*Thunnus obesus*) bil-konzijiet ma jaqbżux l-2 000 tunnellata fl-2017.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji tat-tonna obeża (*Thunnus obesus*) bil-konzijiet ma jaqbżux l-2 857 tunnellata fl-2017.

Artikolu 32

Żona magħluqa għas-sajd FAD

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża li jużaw l-FADs għandhom ikunu pprojbiti bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2017 u 24:00 tal-31 ta' Ottubru 2017. Matul dak

▼B

([1]) Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din it-TAC.

Speċi:	Rebekkini u raj *Rajiformes*	**Żona:**	FAO 58.5.2 tal-Antartiku (SRX/F5852.)
TAC	120 ([1])	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

([1]) Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din it-TAC.

▼B

Speċi:	Speċijiet oħra	**Żona:**	FAO 58.5.2 tal-Antartiku (OTH/F5852.)
TAC	50 ([1])	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

([1]) Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din it-TAC.

▼B

ANNESS IF

IX-XLOKK TAL-OĊEAN ATLANTIKU

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-SEAFO

Dawn it-TACs mhumiex allokati lill-membri tas-SEAFO u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhux stabbilit. Il-qabdiet huma ssorveljati mis-Segretarjat tas-SEAFO, li ser jikkomunika meta għandu jieqaf is-sajd minħabba li tkun ġiet eżawrita TAC.

Speċi:	Fonsa ħamra *Beryx* spp.	**Żona:**	SEAFO (ALF/SEAFO)
TAC	200 ([1])		TAC ta' prekawzjoni

([1]) Ma jistgħux jinqabdu iżjed minn 132 tunnellata fid-Diviżjoni B1 (ALF/*F47NA).

Speċi:	Granċ aħmar tal-fond *Chaceon* spp.	**Żona:**	Is-Suddiviżjoni B1 tas-SEAFO ([1]) (GER/F47NAM)
TAC	180 ([1])		TAC ta' prekawzjoni

([1]) Għall-fini ta' din it-TAC, iż-żona miftuħa għas-sajd hija ddefinita bħala dik li għandha:
il-konfini tagħha tal-Punent fuq il-longitudni 0° E,
il-konfini tagħha tat-Tramuntana fuq il-latitudni 20° S,
il-konfini tagħha tan-Nofsinhar fuq il-latitudni 28° S, u
il-konfini tagħha tal-Lvant fil-limiti ta' barra nett taż-ŻEE tan-Namibja.

Speċi:	Granċ aħmar tal-fond *Chaceon* spp.	**Żona:**	SEAFO, eskluża s-Suddiviżjoni B1 (GER/F47X)
TAC	200		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Pixxisinna Patagonjan *Dissostichus eleginoides*	**Żona:**	Is-subżona D tas-SEAFO (TOP/F47D)
TAC	266		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Pixxisinna Patagonjan *Dissostichus eleginoides*	**Żona:**	SEAFO, eskluża s-Subżona D (TOP/F47-D)
TAC	0		TAC ta' prekawzjoni

▼B

Speċi:	Mera tal-Atlantiku *Hoplostethus atlanticus*	**Żona:**	Is-Suddiviżjoni B1 tas-SEAFO (1) (ORY/F47NAM)
TAC	0 (2)		TAC ta' prekawzjoni

(1) Għall-fini ta' dan l-Anness, iż-żona miftuħa għas-sajd hija ddefinita bħala dik li għandha:
il-konfini tagħha tal-Punent fuq il-lonġitudni 0° E,
il-konfini tagħha tat-Tramuntana fuq il-latitudni 20° S,
il-konfini tagħha tan-Nofsinhar fuq il-latitudni 28° S, u
il-konfini tagħha tal-Lvant fil-limiti ta' barra nett taż-ŻEE tan-Namibja.
(2) Għajr għal konċessjoni ta' qabdiet aċċessorji ta' 4 tunnellati (ORY/*F47NA).

Speċi:	Mera tal-Atlantiku *Hoplostethus atlanticus*	**Żona:**	SEAFO, eskluża s-Suddiviżjoni B1 (ORY/F47X)
TAC	50		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Ras korazza pelaġika *Pseudopentaceros* spp	**Żona:**	SEAFO (EDW/SEAFO)
TAC	135		TAC ta' prekawzjoni

▼B

ANNESS IG

IT-TONNA TAN-NOFSINHAR — IŻ-ŻONI TA' DISTRIBUZZJONI

Speċi:	Tonna tan-Nofsinhar *Thunnus maccoyii*	**Żona:**	Iż-żoni kollha ta' distribuzzjoni (SBF/F41-81)
L-Unjoni	10 (1)		
TAC	14 467	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

▼B

ANNESS IH

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*	**Żona:**	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S (SWO/F7120S)
L-Unjoni	3 170,36		
TAC	Mhux rilevanti		TAC ta' prekawzjoni

▼B

ANNESS IJ

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

▼M1

Speċi:	Sawrell *Trachurus murphyi*	**Żona:**	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Il-Ġermanja	7 573,92		
In-Netherlands	8 209,35		
Il-Litwanja	5 270,13		
Il-Polonja	9 061,6		
L-Unjoni	30 115		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

▼B

ANNESS IK

IŻ-ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

Speċi:	Tonna safra *Thunnus albacares*	**Żona:**	Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC (YFT/IOTC)
Franza	29 501		
L-Italja	2 515		
Spanja	45 682		
L-Unjoni	77 698		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

▼B

ANNESS IL

IŻ-ŻONA TAL-FTEHIM TAL-GFCM

Speċi:	Speċijiet pelaġiċi żgħar (Inċova u Sardin) *Engraulis encrasicolus* u *Sardina pilchardus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali tal-GFCM-GSAs 17 u 18 (SP1/GF1718)
L-Unjoni	112 700 (1) (2)		
TAC	Mhux rilevanti	livell massimu ta' qabdiet L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

(1) Fir-rigward tas-Slovenja, il-kwantitajiet huma bbażati fuq il-livell ta' qabdiet li saru fl-2014, sa ammont li ma għandux jaqbeż it-300 tunnellata.
(2) Limitata għall-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja.

▼B

ANNESS IIA

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIS-SUBŻONA IV TAL-ICES

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom abbord jew li jużaw kwalunkwe rkaptu msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u li jkunu preżenti fi kwalunkwe waħda miż-żoni ġeografiċi speċifikati f'dak ir-regolament.

1.2. Dan l-Anness ma għandux japplika għall-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri. Dawk il-bastimenti ma għandux għalfejn ikollhom awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jivvalutaw l-isforz tas-sajd ta' dawk il-bastimenti, billi jużaw metodi xierqa ta' kampjunar.

2. **Awtorizzazzjonijiet**

Jekk Stat Membru jqis li jkun xieraq sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni sostenibbli ta' dan ir-reġim tal-isforz tas-sajd, jista' jintroduċi projbizzjoni fuq is-sajd bi rkaptu rregolat fi kwalunkwe waħda miż-żoni ġeografiċi li għalihom japplika dan l-Anness minn kwalunkwe wieħed mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li ma jkun irreġistra l-ebda attività tas-sajd bħal din, sakemm jiżgura li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex għas-sajd f'dik iż-żona.

3. **Sforz massimu permissibbli tas-sajd**

L-isforz massimu permissibbli msemmi fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 676/2007 għall-perijodu ta' ġestjoni speċifikat fl-Artikolu 1(2)(b) ta' dan ir-Regolament għandu jkun kif ġej:

Irkaptu rregolat: BT1 + BT2: xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) b'daqs tal-malji ta' 80 mm jew iżjed

L-isforz massimu permissibbli tas-sajd f'kilowatt-jiem fis-subżona IV tal-ICES:

Irkaptu rregolat	BE	DK	DE	NL	UK
BT1+BT2	5 474 635	1 377 012	1 896 306	37 956 887	10 161 710

4. **Ġestjoni**

4.1. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

4.2. Stat Membru jista' jistabbilixxi perijodi ta' ġestjoni biex jiġi allokat l-isforz massimu permissibbli kollu jew xi partijiet minnu lil bastimenti individwali jew lil gruppi ta' bastimenti. F'każ bħal dan, l-għadd ta' jiem jew ta' siegħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona matul perijodu ta' ġestjoni, għandu jiġi stabbilit skont kif jidhirlu xieraq l-Istat Membru kkonċernat. Matul kwalunkwe perijodu ta' ġestjoni bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat jista' jalloka mill-ġdid l-isforz tas-sajd bejn bastimenti individwali jew bejn gruppi ta' bastimenti.

4.3. Jekk Stat Membru jawtorizza l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu biex ikunu preżenti f'żona bis-sigħat, għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem skont il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 4.1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri l-miżuri prekawzjonarji li ttieħdu biex jiġi evitat il-konsum eċċessiv tal-isforz tas-sajd fiż-żona minħabba bastiment li jkun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona qabel tmiem il-perijodu ta' 24 siegħa.

▼B

5. **Rapport dwar l-isforz tas-sajd**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem bħala s-subżona IV tal-ICES.

6. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-data dwar l-isforz tas-sajd li ntuża mill-bastimenti tas-sajd tagħhom f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

▼B

ANNESS IIB

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-IRKUPRU TA' ĊERTI STOKKIJIET TA' MERLUZZ TAN-NOFSINHAR U TA' SKAMPU FID-DIVIŻJONIJIET TAL-ICES VIIIc U IXa, GĦAJR IL-GOLF TA' CÁDIZ

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew iżjed, li jkollhom abbord jew li jużaw xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew irkapti simili b'daqs tal-malji ta' 32 mm jew iżjed u għeżula b'daqs tal-malji ta' 60 mm jew iżjed jew konzijiet tal-qiegħ f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2166/2005, u li jkunu preżenti fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, għajr fil-Golf ta' Cádiz.

2. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "raggruppamenti tal-irkapti" tfisser ir-raggruppament li jkun fih iż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li ġejjin:

(i) xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew irkapti simili b'daqs tal-malji ta' 32 mm jew iżjed u

(ii) għeżula b'daqs tal-malji ta' 60 mm jew iżjed u konzijiet tal-qiegħ;

(b) "irkaptu rregolat" tfisser kwalunkwe waħda miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li hija parti mir-raggruppament ta' rkapti;

(c) "żona" tfisser id-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES għajr il-Golf ta' Cádiz;

(d) "perijodu attwali ta' ġestjoni" tfisser il-perijodu speċifikat fl-Artikolu 1(2)(b);

(e) "kundizzjonijiet speċjali" tfisser il-kundizzjonijiet speċjali stipulati fil-punt 6.1.

3. **Limitazzjoni fl-attività**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu rregolat, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux iżjed mill-għadd ta' jiem speċifikat fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet

4. **Bastimenti awtorizzati**

4.1. Stat Membru ma għandux jawtorizza s-sajd b'irkaptu rregolat fiż-żona minn kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u li ma jkollux attività tas-sajd bħal din irreġistrata f'dik iż-żona fil-perijodu mill-2002 sal-2015, għajr l-attivitajiet tas-sajd irreġistrati bħala riżultat tat-trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm jiżgura li l-kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex għas-sajd f'dik iż-żona.

4.2. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu l-ebda kwota fiż-żona ma għandux ikun awtorizzat jistad fiż-żona b'irkaptu rregolat, sakemm dak il-bastiment ma jkunx ingħata kwota wara trasferiment kif permess f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u ma jkunx allokat jiem fuq il-baħar f'konformità mal-punt 11 jew mal-punt 12 ta' dan l-Anness.

▼B

KAPITOLU III

Għadd ta' jiem ta' preżenza fiż-żona allokata lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

5. **Għadd massimu ta' jiem**

5.1. Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe rkaptu rregolat qed jingħata fit-Tabella I.

5.2. Jekk bastiment ikun jista' juri li l-qabdiet tiegħu tal-merluzz jirrappreżentaw inqas minn 8 % tal-piż totali tal-ħut ħaj tal-ħut li jkun inqabad matul vjaġġ partikolari tas-sajd, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment għandu jitħalla ma jgħoddx il-jiem fuq il-baħar li jkunu assoċjati ma' dak il-vjaġġ tas-sajd mal-għadd massimu applikabbli ta' jiem fuq il-baħar kif stipulat fit-Tabella I.

6. **Kundizzjonijiet speċjali għall-allokazzjoni tal-jiem**

6.1. Għall-finijiet li jiġi stabbilit l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li bastiment tas-sajd tal-Unjoni jista' jkun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet speċjali li ġejjin f'konformità mat-Tabella I:

(a) l-ammont totali ta' merluzz li jkun inħatt l-art mill-bastiment ikkonċernat f'kull sena mis-sentejn kalendarji tal-2013 u tal-2014, għandu jirrappreżenta inqas minn ħames tunnellati skont il-ħatt l-art f'piż tal-ħut ħaj; u

(b) l-ammont totali ta' skampu li jkun inħatt l-art mill-bastiment ikkonċernat fis-snin speċifikati fil-punt (a) ta' hawn fuq, għandu jirrappreżenta inqas minn 2,5 tunnellati skont il-ħatt l-art ta' ħut ħaj.

6.2. Jekk bastiment jibbenefika minn għadd illimitat ta' jiem peress li jkun ikkonforma mal-kundizzjonijiet speċjali, il-ħatt l-art tal-bastiment fil-perijodu attwali ta' ġestjoni ma għandux jaqbeż il-ħames tunnellati tal-ħatt l-art totali tal-merluzz f'piż tal-ħut ħaj u t-2,5 tunnellati tal-ħatt l-art totali tal-iskampu f'piż tal-ħut ħaj.

6.3. Meta bastiment ma jissodisfax xi waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet speċjali, dak il-bastiment għandu b'effett immedjat jitlef l-allokazzjoni tal-jiem marbuta mal-kundizzjoni speċjali mogħtija.

6.4. L-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet speċjali msemmija fil-punt 6.1. tista' tiġi ttrasferita minn bastiment għall-ieħor jew minn bastiment wieħed għal diversi bastimenti oħra li jissostitwixxu lil dak il-bastiment fil-flotta, sakemm il-bastiment li jkun qed jissostitwih juża rkaptu simili u fi kwalunkwe sena tal-operat tiegħu ma jkollu rreġistrat l-ebda ammont ta' ħatt l-art tal-merluzz u tal-iskampu li jkun ogħla mill-kwantitajiet speċifikati fil-punt 6.1.

Tabella I

Għadd massimu ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona skont l-irkaptu tas-sajd għal kull sena

Kundizzjoni speċjali	Irkaptu rregolat	Għadd massimu ta' jiem	
	Xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili b'daqs tal-malji ta' ≥ 32 mm, għeżula b'daqs tal-malji ta' ≥ 60 mm u konzijiet tal-qiegħ	ES	126
		FR	109
		PT	113
6.1.(a) u 6.1.(b)	Xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili b'daqs tal-malji ta' ≥ 32 mm, għeżula b'daqs tal-malji ta' ≥ 60 mm u konzijiet tal-qiegħ	Għadd illimitat	

▼B

7. **Sistema tal-kilowatt-jiem**

7.1. Stat Membru jista' jimmaniġġa l-allokazzjonijiet tiegħu tal-isforz tas-sajd f'konformità mas-sistema tal-kilowatt-jiem. Permezz ta' dik is-sistema, l-Istat Membru jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat minn kwalunkwe rkaptu rregolat u minn kwalunkwe kundizzjoni speċjali kif stabbilit fit-Tabella I biexikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li jkun differenti minn dak stabbilit f'dik it-Tabella, sakemm jiġi rrispettat l-ammont totali ta' kilowatt-jiem li jikkorrispondi għall-irkaptu rregolat u għall-kundizzjonijiet speċjali.

7.2. Dan l-ammont totali ta' kilowatt-jiem għandu jkun is-somma tal-isforzi individwali kollha tas-sajd li ġew allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u likkwalifikaw għall-irkaptu rregolat u, fejn applikabbli, għall-kundizzjonijiet speċjali. Sforzi individwali tas-sajd bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'kilowatt-jiem billi tiġi mmultiplikata l-qawwa tal-magna ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li l-bastiment jibbenefika minnu, f'konformità mat-Tabella I, jekkil-punt 7.1. ma ġiex applikat. Sakemm l-għadd tal-jiem ikun illimitat f'konformità mat-Tabella I, l-għadd rilevanti ta' jiem li l-bastiment jibbenefika minnu huwa ta' 360 jum.

7.3. Stat Membru li jkun jixtieq jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 7.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, għall-irkaptu rregolat u għall-kundizzjonijiet speċjali kif stabbiliti fit-Tabella I, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu bbażat fuq:

(a) il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu, billi jiġi indikat in-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) is-snin irreġistrati li huma speċifikati fil-punt 6.1.(a) għal bastimenti bħal dawn, li jkunu jirriflettu dak li jkun fihom il-qabdiet skont kif iddefinit fil-kundizzjonijiet speċjali msemmija fil-punt 6.1.(a) jew (b), jekk dawn il-bastimenti jkunu jikkwalifikaw għal dawn il-kundizzjonijiet speċjali;

(c) l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment ikun ġie awtorizzat jistad f'konformità mat-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnu bl-applikazzjoni tal-punt 7.1.

7.4. Abbażi ta' dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 7 ġewx issodisfati u, fejn applikabbli, tista' tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 7.1.

8. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd**

8.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lil Stati Membru għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat jkun preżenti fiż-żona mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu rregolat abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew fil-perijodu preċedenti ta' ġestjoni, f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 ([1]) jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 ([2]). Il-waqfien permanenti li jirriżulta minn kwalunkwe ċirkostanza oħra jista' jitqies mill-Kummissjoni abbażi ta' każ b'każ, wara talba bil-miktub u debitament motivata mill-Istat Membru kkonċernat. Talba bil-miktub bħal din għandha tidentifika l-bastimenti kkonċernati u għal kull wieħed mill-bastimenti għandha tikkonferma li qatt mhuma se jerġgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jitħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Komunità Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 1).

▼B

8.2. L-isforz tas-sajd li sar fl-2003, imkejjel f'kilowatt-jiem, mill-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu rregolat, għandu jiġi diviż bl-isforz tas-sajd li sar mill-bastimenti kollha li jkunu użaw dak l-irkaptu matul l-2003. L-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu mbagħad jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-proporzjon miksub b'dan il-mod bl-għadd ta' jiem li jkunu ġew allokati f'konformità mat-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dak il-kalkolu għandha titqarreb għall-eqreb jum sħiħ.

8.3. Il-punti 8.1. u 8.2. ma għandhomx japplikaw meta bastiment ikun ġie ssostitwit f'konformità mal-punti 3 jew 6.4., jew meta l-irtirar ikun diġà ntuża fis-snin preċedenti sabiex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

8.4. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1. għandhom iressqu talba lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Ġunju tal-perijodu attwali ta' ġestjoni, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu għar-raggruppament tal-irkapti u għall-kundizzjonijiet speċjali kif stabbiliti fit-Tabella I, li jkunu bbażati fuq:

(a) il-listi tal-bastimenti rtirati bin-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-attività tas-sajd eżerċitata minn bastimenti bħal dawn fl-2003, ikkalkulata f'jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppamenti tal-irkaptu tas-sajd u, jekk ikun neċessarju, skont il-kundizzjonijiet speċjali.

8.5. Abbażi ta' talba bħal din minn Stat Membru, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' talloka lil dak l-Istat Membru għadd ta' jiem addizzjonali ma' dak imsemmi fil-punt 5.1 għal dak l-Istat Membru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

8.6. Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid dawk il-jiem addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jkun għad fadal fil-flotta u li kkwalifikaw għall-irkaptu rregolat jew lil parti minnhom. Il-jiem addizzjonali li jkunu ġejjin minn bastiment irtirat li kien ibbenefika minn kundizzjoni speċjali msemmija fil-punt 6.1.(a) jew (b) ma għandhomx jiġu allokati lil bastiment li jkun għadu attiv iżda li ma jibbenefikax minn kundizzjoni speċjali.

8.7. Meta l-Kummissjoni talloka jiem addizzjonali fuq il-baħar minħabba waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd matul il-perijodu preċedenti ta' ġestjoni, l-għadd massimu ta' jiem għal kull Stat Membru u għal kull irkaptu mogħti fit-Tabella I għandu jiġi aġġustat skont dan għall-perijodu attwali ta' ġestjoni.

9. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għat-titjib tal-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi**

9.1. Il-Kummissjoni, abbażi ta' programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi bi sħubija bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd, tista' talloka lil Stat Membru tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu rregolat. Programm bħal dan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli tal-iskartar tal-ħut u fuq dak li jkun fihom il-qabdiet u għandu jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-data, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ([1]) u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu għall-programmi nazzjonali.

9.2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1).

▼B

9.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 9.1. għandu jressaq deskrizzjoni tal-programm imtejjeb tiegħu għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

9.4. Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, u wara konsultazzjoni mal-STECF, il-Kummissjoni permezz tal-atti ta' implimentazzjoni tista' talloka lill-Istat Membru kkonċernat għadd ta' jiem addizzjonali ma' dak imsemmi fil-punt 5.1. għal dak l-Istat Membru u l-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu kkonċernati mill-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

9.5. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi mressaq minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli japplikah mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm minn erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

KAPITOLU IV

Ġestjoni

10. **Obbligu ġenerali**

L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-kundizzjonjiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2166/2005 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

11. **Perijodi ta' ġestjoni**

11.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem ta' preżenza fiż-żona stipulati fit-Tabella I f'perijodi ta' ġestjoni ta' xahar kalendarju jew iktar.

11.2. L-għadd ta' jiem jew ta' sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona matul perijodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

11.3. Meta Stat Membru jawtorizza l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu preżenti fiż-żona bis-sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 10. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu juri liema miżuri prekawzjonarji ġew meħuda biex jiġi evitat li jkun hemm konsum eċċessiv tal-jiem fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment ikun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona qabel tmiem il-perijodu ta' 24 siegħa.

KAPITOLU V

Skambju tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

12. **Trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru**

12.1. Stat Membru jista' jippermetti li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jittrasferixxi l-jiem li fihom bastiment ikun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-jiem li bastiment ikun irċieva mmultiplikati bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (kilowatt-jiem) ikun daqs ir-riżultat tal-jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur mmultiplikati bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts, jew ikun inqas minn dak ir-riżultat. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

12.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona li ġie ttrasferit f'konformità mal-punt 12.1., immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment donatur irreġistrati fiż-żona, kif ivverifikat mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd fis-snin speċifikati fil-punt 6.1.(a), immultiplikati bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.

▼B

12.3. It-trasferiment tal-jiem kif deskritt fil-punt 12.1. għandu jkun permess bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu rregolat u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

12.4. It-trasferiment tal-jiem huwa permess biss għall-bastimenti li jibbenefikaw minn allokazzjoni ta' jiem tas-sajd mingħajr kundizzjonijiet speċjali.

12.5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Il-format tal-ispreadsheets għall-ġbir u għat-trażmissjoni tat-tagħrif imsemmi f'dan il-punt, jista' jiġi stabbilit mill-Kummissjoni permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

13. **Trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri differenti**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment tal-jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u għall-istess żona bejn kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bnadar tagħhom sakemm il-punti 4.1., 4.2. u 12 japplikaw *mutatis mutandis*. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu jawtorizzaw trasferiment bħal dan, qabel ma jsir it-trasferiment, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inklużi l-għadd ta' jiem li jrid jiġi trasferit, l-isforz tas-sajd u, fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd relatati magħhom.

KAPITOLU VI

Obbligi ta' rappurtar

14. **Rapport dwar l-isforz tas-sajd**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem li hija ż-żona speċifikata fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

15. **Ġbir tad-data rilevanti**

Kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru t-tagħrif dwar l-isforz totali tas-sajd eżerċitat fiż-żona għall-irkapti tal-irmonk u għall-irkapti statiċi, l-isforz eżerċitat mill-bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona u l-qawwa tal-magna ta' dawk il-bastimenti f'kilowatt-jiem, abbażi tat-tagħrif li ntuża għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness.

16. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom juru spreadsheet lill-Kummissjoni bid-data speċifikata fil-punt 15 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz xieraq tal-posta elettronika, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni tagħrif dettaljat dwar l-isforz allokat u kkonsmat tas-sajd li jkopri l-perijodi kollha ta' ġestjoni attwali u preċedenti, jew partijiet minnhom, billi jużaw il-format tad-data speċifikat fit-Tabelli IV u V.

Tabella II

Il-format tar-rappurtar tat-tagħrif dwar il-kW-jiem skont il-perijodu ta' ġestjoni

Stat Membru	Irkaptu	Perijodu ta' ġestjoni	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

▼B

Tabella III

Il-format tad-data tat-tagħrif dwar il-kW-jiem skont il-perijodu ta' ġestjoni

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi alfa-3 tal-ISO) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi li ġejjin ta' rkaptu: TR = xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili ≥ 32 mm GN = għeżula ≥ 60 mm LL = konzijiet tal-qiegħ
(3) Perijodu ta' ġestjoni	4		Perijodu wieħed ta' ġestjoni fil-perijodu mill-perijodu ta' ġestjoni tal-2006 sal-perijodu attwali ta' ġestjoni
(4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	L	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd f'kilowatt-jiem li ntuża mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Jannar tal-perijodu rilevanti ta' ġestjoni

([1]) It-tagħrif rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

Tabella IV

Il-format tar-rappurtar għat-tagħrif relatat mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Irkaptu nnotifikat				Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem imqatta' bl-irkaptu/i nnotifikat/i				Trasferiment tal-jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)	(8)	(8)	(8)	(9)

Tabella V

Il-format tad-data għat-tagħrif relatat mal-bastimenti

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi alfa-3 tal-ISO) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) CFR	12		In-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd Stat Membru (kodiċi alfa3 tal-ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri). Meta serje jkollha inqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3) Immarkar estern	14	X	Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 ([2])
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	X	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur

▼B

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament (1) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(5) Irkapti nnotifikati	2	X	Wieħed mit-tipi li ġejjin ta' rkaptu: TR = xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili ≥ 32 mm GN = għeżula ≥ 60 mm LL = konzijiet tal-qiegħ
(6) Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)	2	X	Indikazzjoni dwar liema kundizzjoni speċjali tapplika, jekk ikun hemm, minn dawk imsemmija fil-punt 6.1.(a) jew (b) tal-Anness IIB
(7) Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	X	Għadd ta' jiem li fihom il-bastiment huwa eliġibbli skont l-Anness IIB għall-għażla tal-irkapti u għat-tul tal-perijodu nnotifikat ta' ġestjoni
(8) Jiem imqatta' bl-irkaptu/i nnotifikat/i	3	X	Għadd ta' jiem li l-bastiment tassew qatta' preżenti fiż-żona u li fihom uża rkaptu li jikkorrispondi mal-irkaptu nnotifikat matul il-perijodu nnotifikat ta' ġestjoni
(9) Trasferimenti tal-jiem	4	X	Għall-jiem ittrasferiti indika "– l-għadd ta' jiem ittrasferiti" u għall-jiem irċevuti indika "+ l-għadd ta' jiem ittrasferiti"

(1) It-tagħrif rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.
(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 tal-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-immarkar u d-dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd (ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9).

▼B

ANNESS IIC

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-LINGWATA FIL-FLIEGU TAL-PUNENT FID-DIVIŻJONI VIIe TAL-ICES

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Dan l-Anness japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew iżjed, li jkollhom abbord jew li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu, b'daqs tal-malji ta' 80 mm jew iżjed, u xbieki statiċi inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'daqs tal-malji ta' 220 mm jew inqas, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 509/2007, u li jkunu preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES.

1.2. Il-bastimenti li jistadu bi xbieki statiċi b'daqs tal-malji ta' 120 mm jew iżjed u li għal kull sena jkunu rreġistraw qabdiet ta' inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż tal-ħut ħaj, matul it-tliet snin preċedenti, skont ir-reġistrazzjonijiet tas-sajd tagħhom, għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2015, bastimenti bħal dawn ikunu qabdu inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż tal-ħut ħaj;

(b) bastimenti bħal dawn ma jittrażbordaw l-ebda ħut lejn bastiment ieħor meta jkunu fuq il-baħar;

(c) sal-31 ta' Lulju 2017 u l-31 ta' Jannar 2018, kull Stat Membru kkonċernat jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet tal-lingwata li jkunu ġew irreġistrati minn dawn il-bastimenti fit-tliet snin preċedenti kif ukoll dwar il-qabdiet tal-lingwata fl-2017.

Meta kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix issodisfata, minnufih il-bastimenti kkonċernati ma għandhomx ikomplu jkunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness.

2. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness għandhom japplikaw d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "raggruppamenti tal-irkapti" tfisser ir-raggruppament li jkun fih iż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li ġejjin:

(i) xbieki tat-tkarkir bi travu, b'daqs tal-malji ta' 80 mm jew iżjed; u

(ii) xbieki statiċi, inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'daqs tal-malji ta' 220 mm jew inqas;

(b) "irkaptu rregolat" tfisser kwalunkwe waħda miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li hija parti mir-raggruppament ta' rkapti;

(c) "żona" tfisser id-diviżjoni VIIe tal-ICES;

(d) "perijodu attwali ta' ġestjoni" tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2017 sal-31 ta' Jannar 2018.

3. **Limitazzjoni fl-attività**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu rregolat, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fl-Unjoni għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux iżjed mill-għadd ta' jiem li huwa stipulat fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

▼B

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet

4. **Bastimenti awtorizzati**

4.1. Stat Membru ma għandux jawtorizza s-sajd b'irkaptu rregolat fiż-żona minn kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u li ma jkollux attività tas-sajd bħal din irreġistrata f'dik iż-żona fil-perijodu mill-2002 sal-2015, għajr l-attivitajiet tas-sajd irreġistrati bħala riżultat tat-trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm jiżgura li l-kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex għas-sajd f'dik iż-żona.

4.2. Madankollu, bastiment li kemm-il darba jkun uża rkaptu rregolat, jista' jkun awtorizzat juża rkaptu differenti tas-sajd, sakemm l-għadd ta' jiem allokati għal dan it-tip ta' rkaptu tal-aħħar ikun ikbar jew ugwali għall-għadd ta' jiem allokati għall-irkaptu rregolat.

4.3. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu l-ebda kwota fiż-żona ma għandux ikun awtorizzat jistad fiż-żona b'irkaptu rregolat, sakemm dak il-bastiment ma jkunx ingħata kwota wara trasferiment kif permess f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u ma jkunx allokat jiem fuq il-baħar f'konformità mal-punt 10 jew mal-punt 11 ta' dan l-Anness.

KAPITOLU III

Għadd ta' jiem ta' preżenza fiż-żona allokata lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

5. **Għadd massimu ta' jiem**

Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe rkaptu rregolat qed jingħata fit-Tabella I.

Tabella I

Għadd massimu ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona skont il-kategorija tal-irkaptu rregolat għal kull sena

Irkaptu rregolat	Għadd massimu ta' jiem	
Xbieki tat-tkarkir bi travu, b'daqs tal-malji ≥ 80 mm	BE	176
	FR	188
	UK	222
Xbieki statiċi, b'daqs tal-malji ta' ≤ 220 mm	BE	176
	FR	191
	UK	176

6. **Sistema tal-kilowatt-jiem**

6.1. Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, Stat Membru jista' jimmaniġġa l-allokazzjonijiet tiegħu tal-isforz tas-sajd skont sistema tal-kilowatt-jiem. Permezz ta' dik is-sistema, l-Istat Membru jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat bi kwalunkwe rkaptu rregolat kif stipulat fit-Tabella I, ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li jkun differenti minn dak stipulat f'dik it-Tabella, sakemm jiġi rrispettat l-ammont totali ta' kilowatt-jiem li jkun jikkorrispondi għall-irkaptu rregolat.

6.2. Dan l-ammont totali ta' kilowatt-jiem għandu jkun is-somma tal-isforzi individwali kollha tas-sajd li ġew allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u li kkwalifikaw għall-irkaptu rregolat. Sforzi individwali tas-sajd bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'kilowatt-jiem billi tiġi mmultiplikata l-qawwa tal-magna ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li l-bastiment jibbenefika minnu, f'konformità mat-Tabella I, jekkil-punt 6.1. ma ġiex applikat.

▼B

6.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 6.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, għall-irkaptu rregolat kif stabbilit fit-Tabella I, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu bbażat fuq:

(a) il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu, billi jiġi indikat in-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment ikun ġie awtorizzat jistad f'konformità mat-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnu bl-applikazzjoni tal-punt 6.1.

6.4. Abbażi ta' dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 6 ġewx issodisfati u, fejn applikabbli, tista' tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 6.1.

7. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd**

7.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lill-Istati Membri għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu rregolat, abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew fil-perijodu preċedenti ta' ġestjoni, f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 jew inkella mar-Regolament (KE) Nru 744/2008. Il-waqfien permanenti li jirriżulta minn kwalunkwe ċirkostanza oħra jista' jitqies mill-Kummissjoni abbażi ta' każ b'każ, wara talba bil-miktub u debitament motivata mill-Istat Membru kkonċernat. Talba bil-miktub bħal din għandha tidentifika l-bastimenti kkonċernati u għal kull wieħed mill-bastimenti għandha tikkonferma li qatt mhuma se jerġgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd.

7.2. L-isforz tas-sajd li jkun sar fl-2003, imkejjel f'kilowatt-jiem, mill-bastimenti rtirati li jużaw raggruppament partikolari tal-irkapti, għandu jiġi diviż bl-isforz tas-sajd li jkun sar mill-bastimenti kollha li użaw dak raggruppamenti tal-irkapti matul l-2003. L-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu mbagħad jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-proporzjon miksub b'dan il-mod bl-għadd ta' jiem li jkunu ġew allokati f'konformità mat-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dak il-kalkolu għandha titqarreb għall-eqreb jum sħiħ.

7.3. Il-punti 7.1. u 7.2. ma japplikawx meta bastiment ikun ġie ssostitwit f'konformità mal-punt 4.2., jew meta l-irtirar ikun diġà ntuża fis-snin preċedenti sabiex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

7.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 7.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Ġunju tal-perijodu attwali ta' ġestjoni, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu għar-raggruppamenti tal-irkapti kif stabbilit fit-Tabella I, li jkunu bbażati fuq:

(a) il-listi tal-bastimenti rtirati bin-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-attività tas-sajd eżerċitata minn bastimenti bħal dawn fl-2003, ikkalkulata f'jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppament ta' rkapti tas-sajd.

7.5. Abbażi ta' talba bħal din minn Stat Membru, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' talloka lil dak l-Istat Membru għadd ta' jiem addizzjonali ma' dak imsemmi fil-punt 5 għal dak l-Istat Membru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

7.6. Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid dawk il-jiem addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jkun għad fadal fil-flotta u li kkwalifikaw għall-irkaptu rregolat jew lil parti minnhom.

▼B

7.7. Meta l-Kummissjoni talloka jiem addizzjonali fuq il-baħar minħabba waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd matul il-perijodu preċedenti ta' ġestjoni, l-għadd massimu ta' jiem għal kull Stat Membru u għal kull irkaptu mogħti fit-Tabella I għandu jiġi aġġustat skont dan għall-perijodu attwali ta' ġestjoni.

8. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għat-titjib tal-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi**

8.1. Il-Kummissjoni, abbażi ta' programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi bi sħubija bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd, tista' talloka lil Stat Membru tlett ijiem addizzjonali bejn l-1 ta' Frar 2017 u l-31 ta' Jannar 2018 li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu rregolat. Programm bħal dan jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli tal-iskartar tal-ħut u fuq dak li jkun fihom il-qabdiet u jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-data, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 199/2008 u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu għall-programmi nazzjonali.

8.2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ.

8.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1. għandu jressaq deskrizzjoni tal-programm imtejjeb tiegħu għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

8.4. Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, u wara konsultazzjoni mal-STECF, il-Kummissjoni permezz tal-atti ta' implimentazzjoni tista' talloka lill-Istat Membru kkonċernat għadd ta' jiem addizzjonali ma' dak imsemmi fil-punt 5. għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, għaż-żona u għall-irkaptu kkonċernati mill-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

8.5. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi mressaq minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli japplikah mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm minn erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

KAPITOLU IV

Ġestjoni

9. **Obbligu ġenerali**

L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

10. **Il-perijodi ta' ġestjoni**

10.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem ta' preżenza fiż-żona stipulati fit-Tabella I f'perijodi ta' ġestjoni ta' xahar kalendarju jew iktar.

10.2. L-għadd ta' jiem jew ta' sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona matul perijodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

10.3. Meta Stat Membru jawtorizza l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu preżenti fiż-żona bis-sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 9. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu juri liema miżuri prekawzjonarji ġew meħuda biex jiġi evitat li jkun hemm konsum eċċessiv tal-jiem fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment ikun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona qabel tmiem il-perijodu ta' 24 siegħa.

▼B

KAPITOLU V

Skambju tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

11. **Trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru**

11.1. Stat Membru jista' jippermetti li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jittrasferixxi l-jiem li fihom bastiment ikun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-jiem li bastiment ikun irċieva mmultiplikati bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (kilowatt-jiem) ikun daqs ir-riżultat tal-jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur mmultiplikati bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts, jew ikun inqas minn dak ir-riżultat. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

11.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona li ġie ttrasferit f'konformità mal-punt 11.1., immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment donatur irreġistrati fiż-żona, kif ivverifikat mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd fl-2001, fl-2002, fl-2003, fl-2004 u fl-2005, immultiplikati bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.

11.3. It-trasferiment tal-jiem kif deskritt fil-punt 11.1. għandu jkun permess bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu rregolat u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

11.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Il-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u għat-trażmissjoni tat-tagħrif imsemmi f'dan il-punt jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

